## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 107/2022: **GO P.L.C. (C22334) V. JOSEPH STAGNO (KI. 255876M)**

(AMMONT DOVUT)

**MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK**

**27 ta' Frar 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' GO p.l.c.[1] ("il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") intavolat fis-17 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet lil Joseph Stagno ("l-intimat") sabiex jidher fid-data appuntata għas-smiegħ:

> u tgħid l-għaliex m'għandekx tkun ikkundannat thallas lis-socjeta' attrici. s-somma ta' hames t'elef mitejn u erbgha u sittin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€5264.77) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numri 40911480.
>
> Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali bir-riferenza 2029/2021, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

wara li rat illi permezz tal-ordni tagħha tad-19 ta' Mejju 2022[2] il-Qorti *inter alia* ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimat li ngħata għoxrin (20) ġurnata għar-risposta,

---

[1] Fol 1-26
[2] Fol 27

wara li rat li minkejja li ġie debitament notifikat bir-rikors promotur u bl-ordni sussegwenti[3] l-intimat baqa' ma' ppreżenta l-ebda risposta u għalhekk il-Qorti appuntat il-kawża għas-smiegħ għas-7 ta' Novembru 2022[4],

wara li rat illi l-avviż tas-smiegħ ġie debitament notifikat lill-intimat skond il-liġi,

wara li rat l-*affidavit* ippreżentat mir-rikorrenti[5],

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. Il-kawża tikkonċerna ammont allegatament pendenti mill-intimat fuq il-linja tat-telefon *ċellulari* abbinat mal-kont bin-numru 40911480. L-ammont jinkludi kemm arretrati tas-servizz tat-telefonija ċellulari u kif ukoll tal-ħlasijiet rateali ta' telefon *ċellulari* mixtri mingħand ir-rikorrenti.

2. Fl-*affidavit* tagħha Beverly Xerxen, *Manager* fid-Dipartiment tal-*Credit Control* tar-rikorrent spjegat illi fir-rigward tal-kont bin-numru 40911480 l-ammont dovut huwa dak ta' ħames t'elef mitejn u erbgħa u sittin euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€ 5264.77) u dan kif jidher fil-prospett immarkat bħala Dok A anness mar-rikors promotur.[6] Hija qalet illi ll-ammont jinkludi ukoll l-penalitajiet applikabbli in konnessjoni mat-terminazzjoni antiċipata tal-kuntratti. Hija għamlet riferenza għall-kuntratti li ġew iffirmati mill-intimat[7] u kkonfermat illi l-intimat m'onorax l-obbligi kuntrattwali tiegħu billi ma' baqax iħallas biex b'hekk is-servizzi ġew terminati min-naħa tar-rikorrenti.

3. Mill-atti jirriżulta ukoll illi fit-28 ta' Settembru 2021 ġiet ippreżentata ittra uffiċjali ai termini tal-Art. 166A tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 2029/2021 kontra l-istess intimat. Madanakollu din l-ittra baqgħet ma' ġiet qatt notifikata lilu minkejja numru ta' tentattivi.[8]

---

[3] Fol 58 wara
[4] Fol 59
[5] Fol 65
[6] Fol 2
[7] Dok B1 a fol 3-16 u Dok B2 a fol 17-21
[8] Fol 22-25

4. Minkejja li kien debitament notifikat bir-rikors promotur u bl-ordni sussegwenti tal-Qorti l-intimat baqa' ma' ppreżenta l-ebda risposta u naqas milli jidher għas-seduti u jressaq il-provi tiegħu jew inkella xi forma ta' difiża.

5. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tara li l-intimat m'għandux difiża xi jressaq u *di piu'* r-rikorrenti ressqet provi suffiċjenti sabiex fuq bilanċ ta' probabiltajiet l-Qorti tilqa' t-talbiet tagħha.

**Deċiżjoni**

6. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti b'dan illi:**

    1. **tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma komplessiva ta' ħames t'elef mitejn u erbgħa u sittin euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€ 5,264.77) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40911480;**

    2. **tikkundanna lill-intimat iħallas din is-somma lir-rikorrenti flimkien mal-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekoribbli mid-data tal-preżentata tal-kawża sal-effettiv pagament,**

    3. **tikkundanna lill-intimat iħallas ukoll l-ispejjeż ta' din il-kawża u dawk relatati mal-ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 2029/2021 skond it-taxxa esebita a fol 26 tal-proċess.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur